Il-Kummissjoni Ewropea

*Sommarju ta' sfond għall-midja*

# Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Injam (EUTR) 2013

Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Injam (EUTR) huwa parti waħda tal-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT (Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, Governanza u Kummerċ) tal-UE sabiex jgħin biex il-qtugħ illegali ta' injam madwar id-dinja kollha jintemm darba għal dejjem.

## Il-foresti tad-dinja: riżorsa naturali vitali

1.3 biljun ruħ minn fost il-fqar tad-dinja jiddependu fuq il-foresti għal parti minn jew għall-għajxien kollu tagħhom. Apparti milli jsostnu lil dawn il-komunitajiet, il-foresti jikkontribwixxu wkoll għat-taffija u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, għall-appoġġ tal-biodiversità u għandhom rwol kruċjali fil-protezzjoni tal-ambjent, pereżempju jimpedixxu d-deżertifikazzjoni u l-erużjoni. Il-foresti huma wkoll siewja ekonomikament, bil-foresti u s-siġar jipprovdu għallinqas €180 biljun fis-sena minn injam, injam għall-karburant u prodotti tal-foresti li mhumiex injam.[1]

## Qtugħ illegali ta' injam: X'inhi l-problema?

Qtugħ illegali - il-qtugħ ta' injam li jikser b'xi mod il-liġijiet jew ir-regolamenti tal-*pajjiż tal-qtugħ* - għandu **impatti ekonomiċi**, **ambjentali** u **soċjali** għal uħud mill-iktar foresti siewja li għad fadal fid-dinja u għall-komunitajiet li jiddependu fuqhom.

Jirriżulta f'**telf fid-dħul** (madwar €7 biljuni fis-sena), **ifixkel** l-isforzi ta' **operaturi leġittimi**, u huwa assoċjat mad-**deforestazzjoni**, it-**telf tal-biodiversità** u l-emissjoni ta' **gassijiet serra,** kif ukoll jirriżulta f'**kunflitti** fuq l-art u fuq ir-riżorsi u t-**tneħħija tas-setgħa** ta' komunitajiet indiġeni.

## L-irwol tal-Unjoni Ewropea (UE)

Fl-2011, 35% (€37.8 biljuni) tal-kummerċ globali ta' prodotti ta' injam primarju kien minn u fi ħdan l-UE. Huwa diffiċli li jiġi stmat x'perċentwal ta' dan il-kummerċ kien f'injam maqtugħ illegalment, madankollu nafu li l-UE huwa suq ta' esportazzjoni importanti għal dawk il-pajjiżi fejn il-livelli ta' illegalità u ta' governanza dgħajfa fis-settur tal-foresti huma l-aktar serji.

Meta nippermettu injam u prodotti tal-injam li huma potenzjalment miksubin minn sorsi illegali fis-suq tal-UE, inklunu qegħdin infixklu l-isforzi ta' pajjiżi li jipproduċu l-injam fil-ġlieda tagħhom kontra l-qtugħ illegali u essenzjalment inkunu qegħdin insostnu din il-prattika.

## Ir-rispons tal-UE: il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT

Il-qtugħ illegali ta' injam ilha problema iżda kien biss għal tmiem is-snin disgħin li r-riċerka f'pajjiżi bħall-Kambodja u l-Indoneżja kixfet kemm din il-kwistjoni kienet serja. Saret suġġett għal diskussjoni intergovernattiva fil-Programm ta' Azzjoni tal-G8 dwar il-Foresti fl-1998.

Sabiex tindirizza din il-kwistjoni fuq livell tal-UE, fl-2003 ġie adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT **(Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, Governanza u Kummerċ)**. Il-pjan jipprovdi għadd ta' miżuri sabiex jeskludu injam illegali mis-suq tagħna, sabiex itejbu l-provvista ta' injam legali u sabiex iżidu d-domanda għal prodotti tal-injam immanifatturati b'mod responsabbli. Ir-**Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR)** flimkien ma' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs - ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' pajjiżi li jesportaw l-injam li jgħinu jipprevjenu milli injam illegali jitpoġġa fis-suq Ewropew) huma ż-żewġ elementi prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni.

1 Sors FAO – Valutazzjoni tar-riżorsi tal-foresti 2010

## Ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam: ħarsa ġenerali

L-EUTR - ir-Regolament (UE) 995/2010 - ġie adottat fl-20 ta' Ottubru 2010 u sejjer japplika fl-Istati Membri tal-UE kollha mit-3 ta' Marzu 2013. Jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' injam maqtugħ illegalament u ta' prodotti miksubin minn injam bħal dan. Jissepara lil dawk li jinnegozjaw fl-injam u fi prodotti tal-injam f'żewġ kategoriji - operaturi u kummerċjanti. Kull kategorija għandha l-obbligi distinti tagħha.

### Min huwa affettwat?

Operaturi – definiti fir-Regolament bħala dawk li jpoġġu l-injam jew prodotti tal-injam fis-suq tal-UE għall-ewwel darba - huma meħtieġa li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tar-riskji jew tad-'diliġenza dovuta'. Fil-frattemp, kummerċjanti - definiti fl-EUTR bħala dawk li jixtru jew li jbiegħu injam jew prodotti tal-injam diġà mpoġġi fis-suq tal-UE - huma meħtieġa li jżommu informazzjonidwar il-fornituri u l-klijenti tagħhom sabiex il-prodotti tal-injam ikunu jistgħu jiġu intraċċati faċilment.

### X'inhu kopert?

Kemm injam kif ukoll prodotti tal-injam immanifatturati fl-UE u dawk importati minn barra l-UE huma koperti bil-leġiżlazzjoni. Il-leġiżlazzjoni tapplika għal firxa wiesgħa ta' injam u ta' prodotti tal-injam, iżda mhux għal kollha. Il-lista ta' prodotti koperti mil-liġi tista' tinstab fl-Anness tal-EUTR:

### Leġiżlazzjoni sekondarja

L-EUTR huwa kkumplimentat minn żewġ biċċiet oħrajn tal-leġiżlazzjoni li joffru aktar dettall fuq punti speċifiċi fi ħdan il-liġi:

1. Ir-Regolament dwar regoli għar-rikonoxximent u l-irtirar ta' rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ: Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 363/2012

2. Regolament li jiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-liġi: Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 607/2012

## Ftehiment ta' Sħubija Volontarja (VPAs - Voluntary Partnership Agreements): ħarsa ġenerali

Il-Ftehiment ta' Sħubija Volontarja (VPAs) huma ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Dawn il-ftehimiet jippermettu lill-UE sabiex tissodisfa d-domanda għal injam legali iżda wkoll jipprovdu għajnuna teknika u bini tal-kapaċità lill-gvern, lis-settur privat u lis-soċjetà ċivili tal-pajjiż ikkonċernat. Għal pajjiżi li għandhom VPA operattiva mal-UE, injam u prodotti tal-injam biss li huma koperti b'liċenzja tal-FLEGT jistgħu jidħlu fis-suq tal-UE. Dawn il-prodotti huma meqjusin li jikkonformaw mal-EUTR.

Minn Ottubru 2012, il-Gana, ir-Repubblika tal-Kongo, il-Kamerun, ir-Repubblika tal-Afrika Ċentrali u l-Liberja ffirmaw VPAs, filwaqt li l-Indoneżja hija mistennija li tiffirma fl-2013. Barra minn hekk, għaddejjin negozjati mar-Repubblika tal-Kongo, mal-Gabon, mal-Malażja u mal-Vjetnam, u bdew negozjati wkoll mal-Gujana, mal-Ħonduras u ma' Laos.